**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 18**

**Data:** **21 ta' Awissu, 2020**

**Hin:** **08.00am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

# AGENDA

18.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

18.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

18.5 Korrispondenza u Rapporti;

18.6 Jum l-Gharb 2020;

18.7 Progetti u Xogholijiet;

18.8 Expropriation;

18.9 Materji ohra;

18.10 Skeda ta' Pagamenti;

18.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**18.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Il-Minuti tas-16 u 17 laqgha tal-Kunsill gew approvati bhala dokument korrett.

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill kien applika ghal fondi taht l-applikazzjoni LC Care li titratta dwar in-nutrizzjoni tal-qtates kif ukoll vouchers ghall-feeders u process ta' kif wiehed jirregistra l-annimali tieghu mall-Kunsill. Minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill din kienet giet approvata.

18.3.2 Is-Sindku qal li l-Enforcement minhabba l-hajt ta' Triq Albert W. Ketelby kienet inharget min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet u rrizulta li s-sid kien lest li jikkollabora u jnehhi l-hajt.

18.3.3 Fir-rigward tal-problemi ta' l-iskart, is-Sindku qal li minkejja li tnaqqset il-problema xorta kien ghad baqa' problemi. Il-membri gew infurmati li twahhlet camera f'San Pietru u suppost li ser tibda' tahdem mill-weekend li gej.

8.05am Tonio Mifsud dahal ghal-laqgha.

Tkompliet id-diskussjoni dwar l-iskart. Gie propost li min jinqabad fuq il-camera ghandu jigi ppublikat ritratt fuq il-facebook tal-Kunsill jew magazine u li ghandha ssir kampanja mar-residenti fejn dawn jigu nfurmati x'azzjoni trid tittiehed. Qabel tittiehed l-ewwel inizjattiva ghandu jittiehed il-parir tad-data protection officer. Tonio Mifsud staqsa jekk meta jinqabad xi hadd jistax il-Kunsill jibghat gwardjan pero' l-problema hija li din ma tistax issir u tiehu anke hafna hin. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel li skond kif jirrizulta minn mad-Data Protection Officer, fir-rigward ta' pubblikazzjoni dawn ikunu ghar-ritratti biss u mhux ismijiet.

18.3.4 Is-Sindku qajjem diskussjoni dwar l-uzu tal-maskli minhabba l-pandemija tal-Covid-19 fejn minn indikazzjonijiet jidher li dawn ser ikunu mandatorji f'kull post. Ghal dan il-ghan huwa ssugerixxa li kif kien ga gie diskuss precedentament il-Kunsill ghandu jixtri maskri. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li kiseb fir-rigward tad-drapp li jkunu jinhaslu jekk ma jinhaslux sewwa dawn jistghu joholqu infezzjoni. Is-Sindku ppropona li ghandhom jinxtraw maskri N95 fejn huwa ppropona li naraw prezz biex inkopru minn issa sa l-ahhar ta' Jannar. Huwa ssugerixxa li fuq dawn il-maskri ghandha titpogga tabella li tindika li dawn qed jigu pprovduti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw il-maskri u li titpogga tabella fuqhom.

18.3.5 Giet imsemmija l-parti tat-triq il-gdida li tiftah Triq Tumas Cassar. Gie innotat li sabiex il-Kunsill ikun jista' ikompli bix-xogholijiet u tinfetah it-triq irid japplika mad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex b'hekk jaghtu l-approvazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir l-applikazzjoni.

18.3.6 Gie spjegat li x-xogholijiet fi Triq Birbuba ghandhom huma ppjanati li jibdew nhar il-Erbgha. Fir-rigward tat-trinka minhabba l-high tension ser issir kif approvata. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li kellu laqgha mall-koperazzjoni ta' l-Ilma fir-rigward ta' l-ispiza li hija ta' madwar €150,000. Madanakollu l-koperazzjoni ghandha dejn ta' €35,000. Is-Sindku spjega li dan l-ammont kien ilu dovut ghal diversi snin u kien relatat max-xoghol tar-rising main.

18.3.6 Fir-rigward tax-xogholijiet tal-hitan tas-sejjieh gie spjegat li l-kuntrattur qieghed Sqallija pero' ghandu haddiema li qeghdin jahdmu f'Ghajnsielem u meta dawn ikunu lesti ser jibdew ix-xogholijiet fl-Gharb. Is-Sindku rrifera ukoll ghal zball li kien hemm fuq il-BOQ u fejn it-titlu ta' BOQ kien hazin. Huwa qal li galadarba l-Kunsill igib l-approvazzjoni dwar dan il-kuntrattur ikun jista' jibda' x-xogholijiet.

18.3.7 Kif diga gie diskuss precedentament, il-Kunsill jorganizza attivitajiet u /jew jidhol f'koperazzjoni ma' ghaqdiet li jsiru matul is-sena. Ghal dan il-ghan l-ghaqdiet lokali jigu mistiedna jipprezentaw il-proposti taghhom liema proposti kienu waslu u ser jigu diskussi waqt il-laqgha. Is-Sindku semma l-ghaqdiet kollha li pprezentaw il-proposti taghhom. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel mall-proposta ta' l-ghaqdiet fejn ghal Gharb Rangers FC ser jikkollabora fi training camp barra minn pajjizna filwaqt li l-ghaqdiet l-ohra l-ghajnuna ser tkun wahda xorta ghal kulhadd.

**18.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

18.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**18.5 Korrispondenza u Rapporti**

18.4.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA/03686/20, PA/01567/20, PA/05337/20, PA/05344/20, PA/05443/20 and PA05518/20.

**18.6 Jum l-Gharb 2020**

18.6.1 Is-Sindku spjega li minhabba s-sitwazzjoni Covid-19 ma nistghux naghmlu attivita' bhas-soltu . Huwa zied jghid li tkellem ma' l-Arcipriet u huwa ta' l-opinjoni li ghal din is-sena jitpoggew il-fjuri quddiem il-monument u wara ssir il-quddiesa. Dritt wara l-quddiesa jitqassmu l-premijiet. Joseph Mizzi staqsa jekk jistax ikun hemm daqq strumentali fejn is-Sindku spjega li l-Kunsill jista' jistaqsi l-Arcipriet pero' l-Arcipriet jidher li ma tantx jaqbel minhabba is-sitwazzjoni li ninsabu fiha.

18.6.2 Gew diskussi n-nominazzjonijiet fejn il-Kunsill ircieva nominazzjoni minghand l-Ghaqda tan-Nar fejn dawn innominaw lil Prof. Joe Galea ghal Gieh l-Gharb lir-Raymond Cauchi u Josephine Galea. Gie innotat pero' li dawn kollha hadu award fis-snin precedenti. Is-Sindku staqsa lil membri jekk kellhomx nominazzjonijiet min-naha taghhom.

Premju Volontarjat Lokali – Il-Vici Sindku nnomina lil Matthew Theuma. Il-Kunsill qabel ma' din in-nominazzjoni.

Premju Qlub Generuzi – Is-Sindku nnomina lil Sam Cauchi peress li dan l-ahhar kien minn ta' l-ewwel li ta' l-ghajnuna lill-girien meta l-garaxx inqabad bin-nirien. Il-Kunsill qabel ma' din in-nominazzjoni.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Premju Gieh l-Gharb – Is-Sindku qal li ghal din is-sena wara l-hidma kontinwa li qeghda ssir ghandhom jigu nominati l-front liners mil-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

Premju Achievement Award – Joseph Mizzi nnomina lil Mario Cauchi ghall-missjoni tieghu ta' gbir ta' fondi ghall-missjoni filwaqt li tela' l-muntanja Kilimangaro. Miriam Borg innominat lil Gabriella Grima ghall-istudju taghha dwar il-kriminalita'. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill iddecieda li l-persuna maghzuna titella' bix-xorti. Itellghet ix-xorti fejn tela' Mario Cauchi sabiex jinghata dan il-premju.

The Gharb Gozitan Cultural Award – Is-Sindku nnomina lil Manuel Farrugia artist Ghawdxi li ghamel ukokll l-artal maggur tal-Knisja ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**18.7 Progetti u Xogholijiet**

18.7.1 Is-Sindku qal li fil-prezent qeghdin isiru ghazliet ghall-kultura u performance art fejn huwa ssugerixxa li tigi zviluppata propjeta' tal-Gvern ghal dan il-ghan. Huwa zied jghid li l-mithna antika fi Triq il-Knisja m'ghadiex tintuza u hija cens tal-Gvern liema propjeta' tista' tinbidel f'centru ta' informazjoni jekk tigi approvata li tghaddi ghand il-Kunsill. Apparti dan hemm ukoll assistenza ghal dawn ix-xogholijiet. Gie innotat li din hija wirt storiku u hija skedata ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn hija inkluza fl-inventarju ta' l-1936. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn gie innotat li din tista' tintuza ghall-attivitajiet kulturali u esebizzjonijiet ta' arti fost ohrajn. Il-Kunsill qabel li ghandu li ghandu japplika biex tghaddi ghand il-Kunsill u tigi restawrata. Fuq l-istess punt Joseph Mizzi ghadda korrispondenza b'applikazzjoni li tista' tintuza.

**18.8 Materji ohra**

18.9.1 Gie innotat li l-Herbs festival ghal din is-sena ma setghax jigi organizzat. L-ikla 'Dining al Fresco' gie proposta biex issir is-Sibt 18 ta' Settembru bhala parti mill-European Mobility Week. Il-Kunsill qabel ma' dan il-punt. Apparti dan is-Sindku semma ukoll li hemm applikazzjoni miftuha ghal permanent measure fejn il-Kunsill qabel li ghandu japplika.

**18.9 Skeda ta' Pagamenti**

18.10.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

**18.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

18.10.1 Il-laqgha spiccat fid-9.00am.

18.10.2 Il-Laqgha li jmiss ser issir nhar il-Hamis 17 ta' Settembru, 2020 fit-8am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |